# Kif tippjana r-reġistrazzjoni tiegħek

## Introduzzjoni

Il-proċess ta’ reġistrazzjoni jieħu ż-żmien mill-prereġistrazzjoni sakemm tissottometti b’suċċess id-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek. Iż-żmien meħtieġ jiddependi mis-sitwazzjoni eżatta tiegħek, u trid tqis bosta fatturi u passi sabiex tieħu idea ta’ kemm iddum ir-reġistrazzjoni. Aħna nirrakkomandaw li tibda tipprepara mill-inqas sena qabel id-data tal-iskadenza, anke fl-aktar każijiet sempliċi.

Hawnhekk, ser nippreżentaw il-passi tipiċi li trid tqis fl-ippjanar tiegħek. Dawn ser jgħinuk sabiex tanalizza l-każ tiegħek stess, u tagħmel pjan solidu sabiex tirreġistra fil-ħin. Il-passi huma bbażati fuq il-qsim tar-reġistrazzjoni f’sitt fażijiet skont il-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tal-ECHA.

## Il-passi sabiex tirreġistra

### 0 Fażi preparatorja

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Iffamiljarizza ruħek mal-materjal ta’ appoġġ tal-ECHA fuq https://echa.europa.eu/reach-2018. | | ☐ |
| 2. Assenja r-responsabbiltà għar-reġistrazzjonijiet ta’ REACH lil persuna nnominata fil-kumpanija tiegħek.<br>! Il-persuna nnominata għandha tkun taf dwar il-leġiżlazzjoni ta’ sustanzi kimiċi u għandha tkun familjari mal-proċeduri tal-kumpanija. Dawn għandu jkollhom l-appoġġ sħiħ tal-maniġment u biżżejjed riżorsi. | | ☐ |

# 1 Kun af il-portfall tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Ibda mill-portafoll tal-prodott tiegħek u oħloq inventarju tas-sustanzi, it-taħlitiet u l-oġġetti li timmanifattura, timporta jew tuża.<br><br>! Ikkuntattja, pereżempju, lill-kollega tiegħek responsabbli mill-bejgħ, eżamina l-akkwisti tiegħek, u staqsi lill-kollegi mill-qasam tal-manifattura għal informazzjoni. | | ☐ |
| 2. Għal kull sustanza, identifika r-rwol tiegħek ta' REACH għaliha (manifattur, importatur, utent downstream, distributur, manifattur tal-oġġetti, importatur tal-oġġetti). | | ☐ |
| 3. Jekk m'intix ċert, iċċekkja jekk il-kumpanija tiegħek irreġistratx is-sustanzi diġà. Il-kollegi tiegħek li jittrattaw il-konformità legali jew regolatorja, jew kwistjonijiet ta' kwalità, jistgħu jkunu sorsi ta' informazzjoni potenzjali. | | ☐ |
| 4. Ikkalkula l-volumi annwali għal kull sustanza sabiex tiddetermina l-ħtieġa ta' reġistrazzjoni. | | ☐ |
| 5. Ikkonferma l-identità tas-sustanzi kimiċi f'termini ta' REACH. Għal dan, teħtieġ aċċess għal għarfien espert u servizzi f'metodi analitiċi. | | ☐ |
| 6. Iċċekkja sustanza waħda wara l-oħra biex tara jekk jeħtiġux jiġu rreġistrati, humiex koperti minn leġiżlazzjoni oħra jew humiex eżentati. | | ☐ |
| 7. Ilħaq ftehim mal-kollegi tiegħek dwar kif se tikkomunika kwistjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni. Jista' jkollok bżonn l-appoġġ tagħhom u informazzjoni mingħandhom sabiex timmaniġġja l-proċess ta' reġistrazzjoni. | | ☐ |
| 8. Prepara abbozz ta' pjan ta' ħidma. Agħti attenzjoni partikolari lil dak li tkun tista' tkopri internament u dak li jkollok testernalizza. | | ☐ |
| 9. Iddetermina r-riżorsi u l-baġit meħtieġa għar-reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi. Irriserva riżorsi għall-attivitajiet ta' wara r-reġistrazzjoni (filwaqt li żżomm ir-reġistrazzjoni tiegħek aġġornata u twieġeb għat-talbiet tal-awtoritajiet). | | ☐ |
| 10. Ippreżenta l-pjan ta' reġistrazzjoni lill-maniġment għal approvazzjoni u żgura li għandek l-appoġġ sħiħ tagħhom għal dan il-pjan. | | ☐ |

## 2 Sib il-koreġistranti tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Iċċekkja li għandek aċċess għall-kont REACH-IT tal-kumpanija:<br>• Iċċekkja mas-servizzi tal-IT tiegħek li għandek aċċess għal siti esterni, x'inhuma r-regoli għall-iffiltrar tal-ispam, eċċ.<br>• Kun żgur li l-username u l-password tiegħek jaħdmu fl-applikazzjoni (https://idp-industry.echa.europa.eu/idp/).<br>• Jekk ma tistax tilloggja, segwi l-istruzzjonijiet fuq il-paġna web tal-Kontijiet tal-ECHA hawn fuq.<br>• Kun żgur li d-dettalji ta' kuntatt tiegħek f'REACH-IT huma aġġornati sabiex il-koreġistranti tiegħek ikunu jistgħu jikkuntattjawk. | | ☐ |
| 2. Iċċekkja jekk kumpanija oħra rreġistratx l-istess sustanza diġà.<br>! Tista tara s-sustanzi rreġistrati fuq is-sit web tagħna fuq: https://echa.europa.eu/information-on-chemicals/registered-substances jew f'REACH-IT fuq il-paġna tal-preżentazzjoni konġunta.<br>! Issib id-dettalji ta' kuntatt tal-koreġistranti potenzjali tiegħek fil-paġni pre-SIEF ta' REACH-IT. | | ☐ |

*Jekk is-sustanza tiegħek għadha ma ġietx irreġistrata, kompli f'paġna 4.*

*Jekk is-sustanza tiegħek diġà rreġistrata, aqbeż għall-paġna 9.*

## → Jekk is-sustanza tiegħek għadha ma ġietx irreġistrata

## 2 Sib il-koreġistranti tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 3. Iċċekkja jekk hemmx xi ħadd li diġà għandu r-rwol ta' reġistrant prinċipali.<br><br>! Ir-rwol ta' reġistrant prinċipali ma jistax jiġi ddikjarat b'mod unilaterali, dawn iridu joperaw bil-kunsens tal-koreġistranti tagħhom. | | ☐ |
| 4. Jekk għandek kollegi li jindirizzaw kwistjonijiet legali, ikkonsultahom dwar kwistjonijiet relatati ma' kooperazzjoni tal-SIEF, bħal kif tirreġistra komunikazzjonijiet, kif tiġġestixxi l-informazzjoni kummerċjali tal-kumpanija tiegħek fl-SIEF u kif tipprepara għal ftehimiet mal-koreġistranti tiegħek. | | |
| 5. Jekk le, ikkuntattja lill-assoċjazzjoni tal-impriżi tiegħek, lill-kamra tal-kummerċ jew simili sabiex tara jekk jistgħux jappoġġjawk. | | ☐ |
| 6. Jekk ħadd ma huwa attiva fl-SIEF, ħu l-inizzjattiva u kkuntattja lill-koreġistranti tiegħek. | | ☐ |
| 7. Ilħaq ftehim mal-koreġistranti tiegħek dwar il-profil ta' identifikazzjoni tas-sustanza kimika tal-preżentazzjoni konġunta. | | ☐ |

## 3 Organizza ruħek mal-koreġistranti tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Ilħaq ftehim dwar kif tista' tikkoopera fl-SIEF tiegħek:<br>• Aspetti amministrattivi (laqgħat, ġestjoni ta' kwistjonijet finanzjarji).<br>• Kooperazzjoni mal-konsorzju tas-sustanza kimika jekk dan jeżisti.<br>• Aspetti tal-komunikazzjoni.<br>• Ġbir/iġġenerar tal-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni.<br>• Ġestjoni tal-membri ġodda għall-preżentazzjoni konġunta.<br>• Impenji lil hinn mid-data ta' skadenza tar-reġistrazzjoni. | | ☐ |
| 2. Prepara abbozz ta' ftehim tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż fl-SIEF. | | ☐ |

| | | |
|---|---|---|
| 3. Ikkonsulta ma' avukati interni u l-maniġment dwar l-aspetti tal-maniġment tal-SIEF u l-kondiviżjoni tal-ispejjeż. | | ☐ |
| 4. Iddiskuti u lħaq ftehim fl-SIEF.<br>! Il-ftehim tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż huwa obbligatorju f'SIEF, filwaqt li l-qbil dwar kif jiġu kondiviżi l-funzjonijiet tal-SIEF u r-responsabbiltajiet huwa fakultattiv. Normalment, huwa aktar effiċjenti li jkun hemm ukoll ftehim bil-miktub dwar l-aspetti tal-maniġment tal-SIEF.<br>L-organizzazzjonijiet tal-industrija għandhom mudelli ta' ftehimiet tal-SIEF disponibbli. | | ☐ |
| 5. Aġġusta l-baġit intern għall-ispiża tar-reġistrazzjoni mistennija abbażi tan-numru magħruf ta' koreġistranti. | | ☐ |

## 4 Ivvaluta l-perikli u r-riskji

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Iġbor informazzjoni: sorsi interni, letteratura, informazzjoni disponibbli pubblikament. | | ☐ |
| 2. Staqsi lill-utenti downstream tiegħek dwar l-użi u informazzjoni dwar is-sustanza kimika. | | ☐ |
| 3. Ikkumpila d-data kollha li l-membri tal-SIEF għandhom disponibbli u identifika lakuni fid-data.<br>! Is-sett tad-data kkumpilat irid ikun rilevanti għall-kompożizzjonijiet kollha tar-reġistrazzjoni konġunta. | | ☐ |
| 4. Iċċekkja "sustanzi kimiċi simili" permezz tal-paġni pre-SIEF f'REACH-IT, jekk rilevanti. Id-data ta' dawn is-sustanzi tista' tkun utli għal read across. | | ☐ |
| 5. Ikkunsidra jekk jistgħux jintużaw metodi alternattivi sabiex jimtlew il-lakuni fid-data. | | ☐ |

| | | |
|---|---|---|
| 6. Jekk hija meħtieġa aktar informazzjoni għar-reġistrazzjoni tiegħek, ilħaq ftehim fl-SIEF tiegħek dwar kif tista' tiġġeneraha.<br>! L-ewwel iridu jiġu kkunsidratti alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali! | | ☐ |
| 7. Jekk m'għandekx għarfien espert intern rilevanti, akkwista għax-xogħol meħtieġ sabiex tissodisfa l-lakuni fid-data | | ☐ |
| 8. Ordna x-xogħol meħtieġ. | | ☐ |
| 9. Analizza r-riżultati ma' esperti rilevanti. | | ☐ |
| 10. Asal għal konklużjoni dwar il-perikli u r-riskji. | | ☐ |
| 11. Ilħaq ftehim dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar fl-SIEF.<br>! Inti tista' tagħżel li ma tagħmilx preżentazzjoni konġunta ta' informazzjoni għal tliet raġunijiet (spiża sproporzjonata, kwistjonijet ta' kunfidenzjalità, nuqqas ta' qbil fuq l-għażla tad-data) jekk tista' tiġġustifikaha. | | ☐ |
| 12. Jekk hija meħtieġa valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika, ilħaq ftehim dwar jekk din hijiex ser issir b'mod konġunt jew individwali. | | ☐ |
| 13. Wettaq il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika (CSA).<br>! L-ECHA tipprovdi l-għodda Chesar għat-twettiq mingħajr ħlas tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika. Chesar tippermetti lir-reġistranti jwettqu s-CSA tagħhom b'mod strutturat, armonizzat, trasparenti u effiċjenti. | | ☐ |

## 5 Ipprepara r-reġistrazzjoni tiegħek bħala dossier IUCLID

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Ikkumpara għażliet differenti biex tippreżenta: IUCLID, REACH-IT (mhux disponibbli għar-reġistranti prinċipali) u ECHA Cloud services – liem l-aħjar għalik?<br>! Ikkonsulta lis-servizzi tal-IT tiegħek dwar il-ħtiġijiet tiegħek abbażi tan-numru ta' utenti, ir-rekwiżiti tas-sistema, l-istruttura interna tal-IT u r-riżervi (għad-data u n-nies). | | ☐ |
| 2. Kun żgur li għandek aċċess għar-rotta li għażilt<br>• Installazzjoni tal-IUCLID.<br>• Login tal-ECHA Cloud services.<br>• Aċċess għal REACH-IT. | | ☐ |
| 3. Ittajpja d-data. | | ☐ |
| 4. Oħloq id-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek (jekk tuża l-IUCLID).<br>! Uża l-Assistent tal-Validazzjoni u l-plug-in ta' disseminazzjoni sabiex tnaqqas il-problemi fil-preżentazzjoni u sabiex tieħu idea dwar x'data ser tiġi ppubblikata.<br>! L-ECHA ser tiċċekkja wkoll xi informazzjoni b'mod manwali. Dawn il-kontrolli mhumiex koperti fl-Assistent tal-Validazzjoni. | | ☐ |

# 6 Issottometti d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Ilħaq ftehim dwar il-pjan ta' preżentazzjoni mal-SIEF (l-għażla taż-żmien, l-ilqugħ tat-token). | | ☐ |
| 2. Oħloq il-preżentazzjoni konġunta f'REACH-IT u aqsam it-token ta' aċċess mal-koreġistranti tiegħek (jekk int reġistrant prinċipali). | | ☐ |
| 3. Bit-token, issieħeb mal-preżentazzjoni konġunta f'REACH-IT (jekk int reġistrant membru). | | ☐ |
| 4. Ippreżenta d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek. | | ☐ |
| 5. Jekk ma jirnexxilekx tagħmel il-preżentazzjoni tiegħek, segwi l-istruzzjonijiet fil-komunikazzjoni tal-ECHA. Jekk dawn ma jkunux ċari, fittex parir mingħand l-ECHA. | | ☐ |
| 6. Ippreżenta mill-ġdid. | | ☐ |
| 7. Ħallas it-tariffa sad-data ta' skadenza stabbilita fil-fattura tiegħek.<br>! Iċċekkja l-kont REACH-IT tiegħek fuq bażi regolari. Dan huwa l-uniku mezz ta' komunikazzjoni uffiċjali tal-ECHA miegħek. | | ☐ |

→ **Jekk is-sustanza diġà ġiet irreġistrata**

## 3 Organizza ruħek mal-koreġistranti tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Skopri min huwa r-reġistrant prinċipali.<br><br>! Jista' jkun il-każ li diġà rċevejt emails mingħand dik il-kumpanija. Jekk le, iċċekkja mill-paġni Preżentazzjoni konġunta f'REACH-IT. | | ☐ |
| 2. Ikkuntattja lir-reġistrant prinċipali. | | ☐ |
| 3. Ikkonferma mal-koreġistranti tiegħek li s-sustanza tiegħek taqbel mal-profil tal-identità tas-sustanza kimika tar-reġistrazzjoni eżistenti u li s-sett tad-data huwa rilevanti għas-sustanza kimika tiegħek.<br><br>! Jekk ma tistgħux taqblu dwar l-ammissjoni għall-preżentazzjoni konġunta, tistgħu tippreżentaw tilwima mal-ECHA għal aċċess għall-preżentazzjoni konġunta. | | ☐ |
| 4. Innegozjaw il-kundizzjonijiet sabiex taċċessaw il-preżentazzjoni konġunta.<br><br>! Segwi il-pariri tal-ECHA għal negozjati tal-kondiviżjoni tad-data ta' suċċess fuq il-paġni REACH 2018 tal-ECHA.<br><br>Jekk diġà għandek data dwar propjetà partikolari, jista' jkun il-każ li tkun tista' ma tagħmilx preżentazzjoni għal dik il-propjetà. Hemm tliet raġunijiet possibbli: spiża sproporzjonata, kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità u nuqqas ta' qbil dwar l-għażla tad-data. Hija meħtieġa ġustifikazzjoni.<br><br>Jekk ma tistgħux tilħqu ftehim wara li jkun sar kull sforz possibbli, tista' tippreżenta tilwima mal-ECHA dwar il-kondiviżjoni tad-data. | | ☐ |

# 5 Ipprepara r-reġistrazzjoni tiegħek bħala dossier IUCLID

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Ikkumpara għażliet differenti biex tippreżenta: IUCLID, REACH-IT u ECHA Cloud services – liem l-aħjar għalik?<br>! Ikkonsulta lis-servizzi tal-IT tiegħek dwar il-ħtiġijiet tiegħek abbażi tan-numru ta' utenti, ir-rekwiżiti tas-sistema, l-istruttura interna tal-IT, ir-riżervi (għad-data u għan-nies). | | ☐ |
| 2. Kun żgur li għandek aċċess għar-rotta li għażilt<br>• Installazzjoni tal-IUCLID.<br>• Login tal-ECHA Cloud services.<br>• Aċċess għal REACH-IT. | | ☐ |
| 3. Ittajpja d-data. | | ☐ |
| 4. Oħloq id-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek (jekk tuża l-IUCLID).<br>! Uża l-Assistent tal-Validazzjoni u l-plug-in ta' disseminazzjoni sabiex tnaqqas il-problemi fil-preżentazzjoni u sabiex tieħu idea dwar x'data ser tiġi ppubblikata.<br>! L-ECHA ser tiċċekkja wkoll xi informazzjoni b'mod manwali. Dawn il-kontrolli mhumiex koperti fl-Assistent tal-Validazzjoni. | | ☐ |

# 6 Issottometti d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek

| Xhiex | Żmien stmat | Lest |
|---|---|---|
| 1. Bit-token, issieħeb fir-reġistrazzjoni konġunta f'REACH-IT. | | ☐ |
| 2. Ippreżenta d-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħek. | | ☐ |
| 3. Jekk ma jirnexxilekx tagħmel il-preżentazzjoni tiegħek, segwi l-istruzzjonijiet fil-komunikazzjoni tal-ECHA. Jekk dawn ma jkunux ċari, fittex parir mingħand l-ECHA. | | ☐ |
| 4. Ippreżenta mill-ġdid. | | |
| 5. Ħallas it-tariffa sad-data ta' skadenza stabbilita fil-fattura tiegħek.<br>! Iċċekkja l-kont REACH-IT tiegħek fuq bażi regolari. Dan huwa l-uniku mezz ta' komunikazzjoni uffiċjali tal-ECHA miegħek. | | ☐ |

Waqt il-proċess tal-ippjanar, tista' tfittex appoġġ mill-helpdesks nazzjonali tiegħek, mill-ECHA jew mill-assoċjazzjoni tal-organizzazzjoni tas-settur/negozju reġjonali tiegħek.